TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/69/25/S

Leah Cassar Aquilina u Carl Vincent Andrew Aquilina

vs

FM Distributions Limited (C31255) - Forestals

Illum 22 ta' Settembru, 2026.

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Leah Cassar Aquilina u Carl Vincent Andrew Aquilina ppreżentata fit-2 t'April, 2025 u r-risposta tas-soċjeta' intimata ppreżentata fid-29 t'April, 2025;

Ra l-verbal tat-22 ta' Mejju 2025 fejn il-partijiet qablu li s-soċjeta' FM Distributions Limited hija s-soċjeta' responsabbli minn dina t-tranżazzjoni, u hija s-soċjeta' intimata responsabbli għal dan, ra d-dokumentazzjoni preżentata u sema' x-xhieda;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda *hood* mixtrija mir rikorrenti fejn anke thallas ghat transport u l-installazzjoni u meta kienet qed issir din l-installazzjoni ġie allegat illi ġie skopert xi sadid ġewwa l-qafas ta' l-istess *hood*;

Illi saru diversi komunikazzjonijiet bejn il-partijiet pero' ma ntlahaq l-ebda ftehim konklussiv;

Illi hemm qbil mill-provi prodotti illi l-*hood* ġie mixtri fil-31 t'Ottubru, 2024 u l-allegat difett ossia s-sadid ġie nnutat mall-ewwel;

Illi nonostante dan, ir-rikorrenti xorta tawh il-qbil tagħhom li ssir l-installazzjoni u wara li saret tali installazzjoni fit-2 ta' Novembru 2024, wara sar l-ilment dwar dan is-sadid;

Illi s-soċjeta' intimata għamlet diversi offerti sabiex jintlaħaq ftehim u kompromess bejn il-partijiet iżda dan ma seħħx;

Illi jingħad mall-ewwel illi prodott mixtri għandu jkun tal-kwalita' pattwita u mhix aċċettabbli illi jkun hemm sadid f'oġġett ġdid;

Illi dan it-Tribunal iħoss illi kwalunkwe kumpens mogħti għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara u dan kif konsistentement stabbilit mill-Qrati tagħna fost oħrajn fil-kawża fl-ismijiet "**Guillaumier Industries Ltd. *et* vs Taormina Holdings Ltd**". deċiża fis-26 ta' Mejju 2017;

Illi min-naħa l-oħra r-rikorrenti naqsu milli jinfurmaw mal-ewwel lis-soċjeta' intimata u partikularment kienu huma li ddeċidew illi għalkemm indunaw b'dan id-difett, li jkomplu għaddejjin bl-installazzjoni tal-*hood*;

Illi għalhekk it-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' intimata għandha tipprovdi *hood* ġdid u mingħajr ebda difetti;

Fir-rigward tal-ħlas tal-installazzjoni, kwalunkwe ħlas dan għandu jkun kopert mill-istess rikorrenti ġjaladarba kienu huma li ddeċidew li jkomplu għaddejjin bl-installazzjoni tal-*hood* nonostante li kienu indunaw illi kien hemm affarijiet illi ma kinux ta' sodisfazzjon għalihom, ossia s-sadid fuq oġġett ġdid.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, b'dan illi s-soċjeta' intimata għandha tiprovdi fi żmien ġimagħtejn mil-llum *hood* ġdid lir-rikorrenti li għandu jiġi supplit u konsenjat fl-indirizz ta' l-istess rikorrenti, b'dan illi mal-konsenja r-rikorrenti għandhom jirritornaw il-*hood* l-antik.

Kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru